

Brussell, 16 ta' April 2015
(OR. en)

7957/15

Fajl Interistituzzjonali:
2014/0285 (COD)

PECHE 129
CODEC 497

RAPPORT

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-merluzz, l-aringi u l-laċċ ikħal fil-Baħar Baltiku u s-sajd li jisfrutta daww l-istokkijiet, li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2187/2005 u li jirrevoka r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1098/2007 - Approċċ ġenerali

I. INTRODUZZJONI

1. Fis-7 ta' Ottubru 2014, il-Kummissjoni Ewropea adottat il-proposta msemmija hawn fuq. Din il-proposta ġiet ippreżentata uffiċjalment lill-Kunsill waqt il-Kunsill "Agrikoltura u Sajd" fis-26 ta' Jannar 2015.
2. Bejn Jannar u April 2015, il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Politika Interna u Esterna tas-Sajd wettaq qari tal-proposta u eżami dettaljat tal-abbozz ta' emendi proposti mill-Presidenza.
3. Fil-31 ta' Marzu 2015, il-Kumitat għas-Sajd tal-Parlament Ewropew adotta rapport, li ser jiġi ppreżentat lis-sessjoni plenarja fis-27 ta' April 2015.¹

¹ Ara d-dokument 7892/15 PECHE 125 CODEC 484.

4. Fl-10 ta' Diċembru 2014, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu dwar il-proposta. Il-Kumitat tar-Reġjuni għadu ma tax opinjoni.

II. KWISTJONIJIET PENDENTI

5. Fil-15 ta' April 2015, il-Presidenza ppreżentat test ta' kompromess² lill-COREPER abbażi tar-riżultati tad-diskussjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma.
6. Id-diskussjonijiet fil-livell tal-COREPER urew appoġġ għall-isforzi tal-Presidenza u l-approċċ propost fil-kompromess tal-Presidenza. Madankollu, għadd ta' delegazzjonijiet esprimew tħassib li jistgħu jiġu mqassra kif ġej:

Xi delegazzjonijiet esprimew tħassib fir-rigward tal-għażla taż-żmien tal-kompromess tal-Presidenza, u esprimew ruħhom favur l-istennija tal-eżitu tal-proċedimenti legali pendenti qabel ma l-Kunsill ikun jista' jadotta pożizzjoni finali dwar il-kwistjoni tal-**bażi legali adatta għall-adozzjoni fil-proposta tal-meded ta' mortalità mis-sajd fil-mira**. Xi wħud minn dawn id-delegazzjonijiet iqisu li l-meded għandhom jiġu adottati f'fatt separat b'bażi legali differenti (l-Artikolu 43(3) TFUE) minn dak propost mill-Kummissjoni (l-Artikolu 43(2) TFUE).

Għadd ta' delegazzjonijiet esprimew appoġġ għall-fatt li wieħed għandu jipproċedi bil-bażi legali kif proposta mill-Kummissjoni u sostnuta fil-kompromess tal-Presidenza.

- Il-maġġoranza tad-delegazzjonijiet jistgħu jappoġġaw iċ-**ċifri li jiddefinixxu l-meded ta' mortalità mis-sajd fil-mira** proposti fil-kompromess tal-Presidenza abbażi tal-parir xjentifiku mogħti mill-ICES. F'dan il-kuntest, għet enfasizzata l-importanza li jkun applikat l-approċċ ta' prekawzjoni għall-ġestjoni tas-sajd. Id-delegazzjonijiet issottolinjaw ukoll il-ħtieġa għal informazzjoni addizzjonali dwar iċ-ċifri li attwalment mhumieq definiti, sabiex jiġi ċċarat jekk u meta jistgħu jiġu inklużi fil-pjan.

² Ara d-dokument 7259/3/15 REV 3 PECHE 96 CODEC 361 + ADD 1 REV1.

- Għadd ta' delegazzjonijiet saħqu li l-approċċ attwali fir-rigward tal-Pjan Pluriennali tal-Baħar Baltiku kien ħa kont tal-ispeċifikitajiet tal-Baħar Baltiku, u li s-soluzzjonijiet imressqa fil-kompromess tal-Presidenza ma setgħux jippreġudikaw **soluzzjonijiet oħra żviluppati f'oqfsa reġjonali oħra** biex jitqiesu l-ispeċifikitajiet tas-sajd ikkonċernat.

7. Għaldaqstant, il-Kunsill huwa mistieden:

- jiddiskuti l-kwistjonijiet imsemmijin hawn fuq bil-ħsieb li jintlaħaq approċċ ġenerali dwar ir-Regolament proposit, kif jinsab fid-dokument 7259/3/15 REV 3;
- idaħħal fil-minuti tal-Kunsill id-dikjarazzjoni li tinsab fl-addendum għal dan id-dokument.
